# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Ottubru, 2000 .

**Avviz numru : 63/99 G2 (PC)**

**Francis Busuttil & Sons Ltd .**

**Vs**

**Andar Co. Ltd .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u tmenin lira u hamsa u erbghin centezmu (LM585.45,0) bilanc mill-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata f'diversi okkazjonijiet, mis-socjeta' attrici, fuq ordni taghha, skond statement li kopja tieghu qed tigi annessa bhala dokument "A" .**

**Bl-imghax mill-1 ta' April 1998 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 841/98 kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ingunti ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess avviz .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, illi eccepiet bir-rispett :**

**Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt .**

**Illi l-ammont pretiz huwa pjenament imhallas .**

**Illi minghajr pregudizzju l-ammont pretiz huwa ferm aktar minn dak dovut .**
**Illi minghajr pregudizzju l-oggetti kkonsenjati ma kienux tal-kwalita' pattwita .**

**Rat in-nota ta' l-attur li ggib id-data tat-8 ta' Frar, tas-sena 2000, li permezz taghha rriducew it-talba ghas-somma ta' mitejn tnejn u sebghin lira u tnejn u disghin centezmu (LM272.92) bhala sorte .**

**Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata llum stess, li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici kif ridotti .**

**Il-Qorti, ghal hekk in vista ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba kif ridotta, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn tnejn u sebghin lira maltin u tnejn u disghin centezmu (LM272.92), dovuti lill-istess socjeta' attrici bhala bilanc minn somma akbar dovuta lill-istess socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ewwel (1) ta' April, 1998, sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta' konvenuta .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si6399Pc
320